MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 306/2010

**A B f'isimha proprio; u Dr. Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici li b'digriet tal-14 ta' Settembru 2010 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri C D**

**-vs-**

**E D;**
**F G; u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn din, wara li ppremettiet:

Illi fl-24 ta' Gunju 2010, ir-rikorrenti kellha tarbija li jisimha C (Dok. A);

Illi fil-fatt, il-minuri C giet koncepita fil-kors ta’ relazzjoni li r-rikorrenti kellha mal-intimat F G u dana matul il-perjodu meta r-rikorrenti kienet gia separata ‘de facto’ mill-intimat E D;

Illi s-separazzjoni ‘de facto’ u t-tmiem tar-relazzjoni intima bejn ir-rikorrenti u l-intimat E D giet sahansitra minnhom dikjarata fil-kuntratt ta’ separazzjoni personali datat 17 ta’ Gunju 2010 (Dok. B);

Illi fic-certifikat tat-twelid tal-imsemmi minuri C jidher illi hija tigi bint l-intimat E D, dana stante illi s-separazzjoni personali ‘de lege’ bejn ir-rikorrenti u l-intimat E D giet konkluza biss fis-17 ta’ Gunju 2010;

Illi l-missier naturali tal-minuri C huwa l-intimat F G kif ser jirrizulta ahjar waqt is-smiegh u trattazzjoni ta’ dina l-kawza, kif ukoll minn testijiet genetici;

Illi permezz ta’ ittra datata 2 ta’ Lulju 2010, Dok. C, l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku rrifjuta illi jirrikonoxxi lill-intimat F G bhala missier il-minuri C, ghaldaqstant kellhom jinfethu l-proceduri odjerni;

Illi in vista tas-suespost, jghidu ghalhekk l-intimati, il-ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tiddikjara illi l-intimat E D mhux il-missier naturali tal-minuri C;

Tiddikjara illi l-intimat F G huwa l-missier naturali tal-minuri C;

Tawtorizza l-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid tal-minuri C li jgib in-numru progressiv ta’ iskrizzjoni elfejn tlett mija wiehed u sebghin tas-sena elfejn u ghaxra (2371/2010), billi tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet kif gej:

a. Fil-kolonna fejn hemm indikat l-isem jew ismijiet li bih/bihom, it-tarbija ghandha tigi msejha, tikkancella l-kunjom “D” u minflok jitnizzel il-kliem “C G”;

b. Fil-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom missier C tikkancella l-isem “E D” u minflok jitnizzel “F G”;

c. Fil-kolonna fejn hemm indikat id-dokument tal-identita’ ta’ missier C minflok ‘*omissis (K.I. nru)*’ jitnizzel “*omissis (K.I. nru)*”;

d. Fil-kolonna fejn hemm indikat l-eta’ ta’ missier C minflok ‘32’ jitnizzel “30”;

e. Fil-kolonna fejn hemm indikat il-post tat-twelid ta’ missier C minflok ‘Pieta’’ jitnizzel “Attard”;

f. Fil-kolonna fejn hemm indikat il-post ta’ residenza ta’ missier C minflok ‘Birkirkara’ jitnizzel “Valletta”;

g. Fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet minflok ‘H D’ jitnizzel “I G”;

Tawtorizza u tordna kull modifika ohra in vista tal-ewwel u t-tieni talba, u jekk ikun opportun, f’kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat id-digriet taghha tal-14 ta’ Settembru 2010, li permezz tieghu gew nominati Dr. Yana Micallef Stafrace u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi deputati in rapprezentanza tal-minuri C D.

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li eccepixxa:

Illi preliminarjament jinghad li talanqas mill-atti li gew notifikati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizazzjoni mehtiega li permezz taghha A B giet mahtura bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri C D skond id-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi in linea preliminari jigi eccepit ukoll li r-rikorrenti A B f'isimha proprju m'ghandhiex il-jedd skond il-ligi li titlob li jigi deciz u ddikjarat li l-minuri C D hija l-wild naturali tal-konvenut F G. *Semmai* kulma tista' tezercita f'dan il-kuntest huwa d-dritt li tattakka l-filjazzjoni ta' bintha, billi titlob li jigi deciz u ddikjarat li bintha m'hijiex il-wild naturali ta' zewgha E D u dan fil-parametri ristretti tal-Artikolu 77 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Kwindi isegwi illi t-tieni u t-tielet talba kif impostati mir-rikorrenti A B f'isimha proprju ma jistghux jintlaqghu;

Illi jissokta jinghad li l-esponent m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk dwar il-mertu huwa jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero' li l-provi migjuba ghandhom ikunu l-ahjar u kif ukoll sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi.

Illi subordinatament dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, ir-rikorrenti nomine trid teghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri C D ma jaqbilx mal-istat li jaghtiha l-Att tat-Twelid taghha bin-numru ta' iskrizzjoni 2371/2010.

Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u ghalhekk huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ngunti in subizzjoni.

Rat in-nota ta' F G fejn dan:

Permezz taghha jammetti, ghal kollox u minghajr ebda kundizzjoni, it-talbiet kollha tal-attrici proprio et nomine kif dedotti fir-Rikors Guramentat fl-ismijiet premessi.

Rat in-nota ta' Dr. Yana Micallef Stafrace u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri C D, fejn dawn qalu:

Illi huma mhux edotti mill-fatti ta' dan il-kaz u f'dawn ic-cirkostanzi jirrizervaw il-pozizzjoni taghhom *si et quatinus*.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Jannar 2011, f'liema seduta Dr. Nadya Fiott ghad-Direttur tar-Registru Pubbliku rtirat it-tieni eccezzjoni tal-istess Direttur, dan in vista tat-tibdil recenti fil-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-attrici rnexxielha tipprova t-talba taghha minghajr dubju, partikolarment in vista tar-rizultati tal-ezamijiet xjentifici li gew esegwiti u konfermati bil-gurament mill-ispizjara Dr. Marisa Cassar.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' t-talbiet kollha tal-attrici kif dedotti fir-rikors promotur u tordna l-korrezzjonijiet kollha kif mitluba fl-istess rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn A B.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------